Verżjoni Elettronika

A.L. 310 tal-2024

ATT DWAR L-IMMIGRAZZJONI
(KAP. 217)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Residenza Permanenti ta' Malta (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7A u 36 tal-Att dwar l-Immigrazzjoni, il-Ministru responsabbli għall-immigrazzjoni għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Programm ta' Residenza Permanenti ta' Malta (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar il-Programm ta' Residenza Permanenti ta' Malta, hawn aktar 'il quddiem imsejħa ir-"regolamenti prinċipali". L.S. 217.26.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) it-tifsira "dipendenti" tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) fil-paragrafu (a) tagħha l-kelma "Ministru" għandha tiġi sostitwita bil-kelma "Aġenzija"; u

(ii) fil-paragrafu (ċ) tagħha l-kliem "mhuwiex miżżewweġ" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "iżda għadu ma kisibx disgħa u għoxrin (29) sena u mhuwiex miżżewweġ fiż-żmien meta l-applikant ewlieni jissottometti l-applikazzjoni";

(b) it-tifsira "nofsinhar ta' Malta" tiegħu għandha tiġi mħassra;

(ċ) it-tifsira "proprjetà mikrija li tikkwalifika" tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-kelma "minn:" tagħha għandha tiġi sostitwita bil-kliem "minn erbatax-il elf euro (€14,000) fis-sena għal proprjetà li tinsab f'Malta jew f'Għawdex;"; u

Verżjoni Elettronika

(ii) il-paragrafi (a) u (b) tagħha għandhom jiġu mħassra; u

(d) it-tifsira "proprjetà mixtrija li tikkwalifika" tiegħu għandha tiġi emendata kif ġej:

(i) il-kelma "minn:" tagħha għandha tiġi sostitwita bil-kliem "minn tliet mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€375,000) għal proprjetà li tinsab f'Malta jew f'Għawdex:";

(ii) il-paragrafi (a) u (b) tagħha għandhom jiġu mħassra;

(iii) fl-ewwel proviso tagħha l-kliem "mill-ammonti indikati fil-paragrafi (a) jew (b)", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "minn tliet mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€375,000)"; u

(iv) l-aħħar proviso tagħha għandu jiġi sostitwit b'dan il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fejn proprjetà immobbli tinxtara bi ħlas li jkun inqas minn tliet mija u ħamsa u sebgħin elf euro (€375,000), għandha tkun, fil-każijiet kollha, fis-setgħa tal-Aġenzija li tiddeċiedi jekk ir-rekwiżit huwiex sodisfatt jew le;".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

3. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "għaxart elef euro (€10,000)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "ħmistax-il elf euro (€15,000)"; u

(ii) minnufih wara l-kliem "jekk ma tirċevix il-ħlas tad-dritt amministrattiv mhux rimborsabbli" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "fi żmien xahar (1) mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni";

(b) is-subregolament (2) tiegħu għandu jiġi sostitwit b'dan is-subregolament ġdid li ġej:

"(2) Mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni, l-applikant ewlieni, kif debitament rappreżentat minn aġent, għandu

Verżjoni Elettronika

jippreżenta prova ta' pussess ta' assi, għas-sodisfazzjon tal-Aġenzija:

(a) li għandu jkollhom valur ta' mhux anqas minn ħames mitt elf euro (€500,000), li minnhom minimu ta' mija u ħamsin elf euro (€150,000) għandhom ikunu fil-forma ta' assi finanzjarji kif l-Aġenzija tista' tqis xierqa fid-diskrezzjoni unika tagħha; jew

(b) li għandu jkollhom valur ta' mhux anqas minn sitt mija u ħamsin elf euro (€650,000), li minnhom minimu ta' ħamsa u sebgħin elf euro (€75,000) għandhom ikunu fil-forma ta' assi finanzjarji, kif l-Aġenzija tista' tqis xierqa fid-diskrezzjoni unika tagħha."; u

(ċ) is-subregolament (4) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) minnufih wara l-kliem "indikat fl-Ewwel Skeda" tiegħu għandhom jiġu miżjuda l-kliem "u d-dritt amministrattiv mhux rimborsabbli pagabbli fir-rigward ta' dipendenti kif indikat fl-Ewwel Skeda";

(ii) fil-paragrafu (a) tiegħu, minnufih wara l-kelma "kontribuzzjoni" għandhom jiġu miżjuda l-kliem "fir-rigward tal-applikant ewlieni u kull dipendenti"; u

(iii) fil-paragrafu (d) tiegħu l-kliem "polza ta' assigurazzjoni tal-mard" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "polza ta' assigurazzjoni tas-saħħa".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subregolament (1) tiegħu għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-kliem "kull dipendenti:" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "kull dipendenti u soġġett għall-ħlas lill-Aġenzija, għal kull wieħed u waħda mid-dipendenti, ta' dritt amministrattiv mhux rimborsabbli u kontribuzzjoni kif indikat fl-Ewwel Skeda."; u

(ii) il-proviso tiegħu għandu jiġi mħassar;

(b) fis-subregolament (2) tiegħu l-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni u dritt amministrattiv mhux rimborsabbli";

Verżjoni Elettronika

(ċ) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni u dritt amministrattiv mhux rimborsabbli";

(d) fis-subregolament (4) tiegħu l-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni u dritt amministrattiv mhux rimborsabbli";

(e) fis-subregolament (5) tiegħu l-kliem "due diligence b'suċċess" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "due diligence b'suċċess fir-rigward ta' tali dipendenti u l-ħlas lill-Aġenzija ta' kontribuzzjoni u dritt amministrattiv mhux rimborsabbli kif indikat fl-Ewwel Skeda.";

(f) fis-subregolament (7) tiegħu l-kliem "mhijiex rimborsabbli u" għandhom jitħassru; u

(g) minnufih wara s-subregolament (7) tiegħu, kif emendat, għandu jiżdied is-subregolament ġdid li ġej:

"(8) Il-kontribuzzjoni pagabbli lill-Aġenzija mhijiex rimborsabbli.".

Jemenda r-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali.

5. Ir-regolament 15 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (f) tas-subregolament (1) tiegħu l-kliem "assigurazzjoni tal-mard" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "assigurazzjoni tas-saħħa"; u

(b) fis-subregolament (3) tiegħu l-kliem "assigurazzjoni tal-mard" jew "assigurazzjoni ta' mard", kull fejn jokkorru, għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "assigurazzjoni tas-saħħa".

Jemenda r-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 25 tar-regolamenti prinċipali l-kliem "ġimgħatejn (2)" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "xahar (1)".

Dispożizzjoni tranżitorja.

7. Applikazzjonijiet sottomessi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, għandhom jibqgħu soġġetti għal u regolati mir-regolamenti prinċipali kif applikabbli u fis-seħħ fiż-żmien tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

Jissostitwixxi l-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. L-Ewwel Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi sostitwita bl-Iskeda ġdida li ġejja:

Verżjoni Elettronika

L-EWWEL SKEDA
(regolamenti 9 u 11)

Skeda ta' drittijiet amministrattivi u kontribuzzjonijiet

Id-dritt amministrattiv li ġej għandu jikkostitwixxi r-rekwiżit mhux rimborsabbli għal kwalifika tar-residenza skont dawn ir-regolamenti:

(i) għall-finijiet tar-regolamenti 9 u 11:

- dritt amministrattiv mhux rimborsabbli fir-rigward tal-applikant ewlieni ta' ħamsin elf euro (€50,000), li ħmistax-il elf euro (€15,000) minnhom iridu jitħallsu fi żmien xahar (1) mis-sottomissjoni tal-applikazzjoni, bil-ħamsa u tletin elf euro (€35,000) li jifdal jitħallsu fi żmien xahrejn (2) mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju;

- dritt amministrattiv mhux rimborsabbli ta' ħamest elef euro (€5,000) għal kull dipendent pagabbli fi żmien xahrejn (2) mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju jew, fil-każ tar-regolament 11(2), (3), (4) u (5), mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Iżda persuna dipendenti li tkun ġiet iċċertifikata minn professjonist jew awtorità medika rikonoxxuta li għandha diżabilità skont l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità ma għandha tkun soġġetta għall-ħlas tal-ebda dritt amministrattiv mhux rimborsabbli.

Kap. 413.

(ii) Dan li ġej għandu jkun ir-rekwiżit ta' kontribuzzjoni sabiex wieħed jikkwalifika għal residenza għall-finijiet tar-regolamenti 9 u 11:

- kontribuzzjoni ta' tletin elf ewro (€30,000) fir-rigward tal-applikant ewlieni fejn it-titolu meħtieġ għal proprjetà kwalifikanti miżmum b'titolu ta' sjiedapagabbli fi żmien tmien (8) xhur mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju;

- kontribuzzjoni ta' sittin elf ewro (€60,000) fir-rigward tal-applikant ewlieni fejn it-titolu meħtieġ għal propjetà kwalifikanti huwa ta' propjeta kwalifikanti mikrija pagabbli fi żmien tmien (8) xhur mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju;

Verżjoni Elettronika

- kontribuzzjoni ta' ħamest elef euro (€5,000) għal kull wieħed u waħda mid-dipendenti pagabbli fi żmien tmien (8) xhur mill-ħruġ tal-Ittra ta' Approvazzjoni fil-Prinċipju jew, fil-każ tar-regolament 11(2), (3), (4) u (5), mas-sottomissjoni tal-applikazzjoni:

Iżda persunsa dipendenti li tkun ġiet ċċertifikata minn professjonist jew awtorità medika rikonoxxuta li għandha diżabilità skont l-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità ma għandha tkun soġġetta għall-ħlas tal-ebda kontribuzzjoni.".

Kap. 413.

Iħassar it-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

9. It-Tieni Skeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi mħassra.